TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 230/15-F

Dr Alistair Facciol u Dr Michaela Muscat
Vs
Mark Anthony Barbara

Illum, 20 ta' April, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Diċembru, 2015, fejn ir-rikorrenti talab sitt mija u tletin Ewro (€630) rappreżentanti difett fl-installazzjoni ta' l-*air-condition* li wassal lill-*air-condition unit* ma jaħdimx.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li jinnota li minkejja li l-intimat kien debitament notifikat, ma attendiex għas-seduta u lanqas issottometta risposta, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtraw żewġ *air-condition units* mingħand l-intimat.

L-ewwel ġie installat wieħed minnhom u wara diversi xhur twaħħal l-ieħor. Irriżulta li wara ftit xhur li tqabbad kien hemm *leakage* fil-*copper*.

**It- Tribunal jinnota illi:**

Ir-rikorrenti ġabret stima mingħand persuna sabiex jissewwa l-*air-condition* u din l-istima kienet iġġib il-prezz ta' sitt mija u tleting Ewro(€630).

It-Tribunal jinnota ukoll li l-intimat la attenda għas-seduta u lanqas ikkontesta t-talba. Kif ukoll qiegħed jemmen il-verzjoni tar-rikorrenti

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti billi jordna l-intimat jħallas is-somma ta' sitt mija u tletin Ewro (€630) bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**